# Wirt storiku u artistiku ...li tlifna

*minn* **Nicholas Vassallo** *D.Litt*

Is-Siġġiewi huwa wieħed mill-eqdem irħula ta' Malta. Nafu li fl-1436, fi żmien l-Isqof De Mello, is-Siġġiewi kien diġà parroċċa għalih. Mela ma jistax jonqos li matul dawn il-mijiet ta' snin kollha, ir-raħal tagħna kiseb għadd ġmielu ta' opri storiċi u artistiċi li jagħmlu ġieħ lil kull min ħadem u ta sehmu għalihom. Iżda meta wieħed joqgħod jaħseb ftit, jintebaħ li l-wirt storiku u artistiku tagħna tal-lum ma jmurx daqshekk lura. Fejn setgħu marru opri bħal dawn? Kif ma baqgħalna, tista' tgħid, xejn li jfakkarna f'dawk is-snin imbiegħda?

Dawn huma l-ewwel mistoqsijiet li jiġuk f'moħħok meta tfittex fuq is-Siġġiewi ta' l-imgħoddi. Parti minn dan il-wirt tissemma' f'dokumenti qodma jew minn storiċi bħal A. Ferres jew G. F. Abela. Iżda meta wieħed jifli bir-reqqa jew jistaqsi x'sar minn dawn l-opri artistiċi, isib li xi wħud għebu għal kollox jew intemmu biż-żmien filwaqt li xi oħrajn illum jinsabu għand ħaddieħor. Għadd ġmielu ta' pitturi, oġġetti tal-ġebel jew ta' l-injam itteħdulna f'dawn l-aħħar ħamsin sena u ma nafx kemm ser jirnexxilna niksbuhom lura!

Minn dawn nistgħu nsemmu qabel xejn il-fdalijiet aktarx ta' villa Rumana li kienu jinsabu lejn il-Fawwara, mar-rampa li minn biswit it-triq tal-Bajjada sewwa sew wara r-razzett tal-Gvernatur Sir Morris Dorman twassal lejn Għar Tuta, fuq ir-riħ tal-Pinċatt. Insibu li dawn il-fdalijiet jissemmew ukoll minn Gian Franġisk Abela, iżda llum tlifniehom għal kollox: madwar tliet snin ilu wieħed mis-sidien ta' għalqa fil-qrib, bil-ħsieb li jwessa' d-daħla tal-għalqa tiegħu, kines bil-gaffa l-pedamenti ta' din il-villa kif ukoll iċ-ċangaturi għamla ta' maqrut żgħir. Kien dak iż-żmien meta l-kunsill kien medhi bil-ġlieda tas-simenterija; b'hekk meta l-awtoritajiet ġew mgħarrfin kien tard wisq.

Wirt storiku ieħor li tlifna dawn l-aħħar snin hija l-barumbara ta' Żuta f'Ġebel Ciantar, fuq ix-xaqliba l-oħra tal-Fawwara. Fil-fehma tiegħi dan kien bini importanti mhux biss għax fl-1892 hemm twettaq il-qtil ta' Toni Grima, iżda wkoll għax aktarx dik kienet l-unika barumbara mibnija b'ġebel żonqri tas-sekonda fil-limiti tas-Siġġiewi. Jingħad li ttajret b'bomba tal-ġelatina minn xi spekulatur li xtaq jakkwista l-art . Kien x'kien il-każ, jibqa' l-fatt li, minħabba r-rgħiba tan-nies, tlifna wieħed mill-eqdem bini rurali li kellna.



*Barumbara ta' Żuta faċċata għal ġewwa, li tħares għal fuq il-Fawwara (copyright: Nich. Vassallo)*

Tista' tgħid bl-istess mod għebu wkoll il-katakombi protokristjani qrib il-barrieri taż-żrar fil-Magħlaq. Għalkemm s'issa ma jidhirx li dawn intilfu darba għal dejjem, xorta waħda ma nistgħux inżuruhom minħabba li xi sid ta' raba' li jmiss magħhom radam għal kollox id-daħla tagħhom biex għamel midħal aktar komdu għall-għelieqi tiegħu. M'hemmx għalfejn ngħidu, dik il-biċċa art li sa ftit

snin ilu kienet proprjetà pubblika issa, jidher, saret art privata. F'dawn il-katakombi, msemmija minn A. E. Caruana, insibu xi oqbra b'disinni ta' l-okra li jeħduna lura madwar elfejn sena. L-awtoritajiet għandhom id-dmir jaraw li wirt storiku dinji hekk importanti jiddawwar b'ċint tal-ġebel u rixtellu tal-ħadid, ikun imħares kif inhu xieraq u jerġa' jingħata lill-poplu biex, bħalma wasal għandna wara daqs dawn snin, aħna ngħadduh bla mittiefes lil ta' warajna.

Minn ftit snin 'il hawn il-wirt storiku tas-Siġġiewi (u ta' Malta kollha) kien suġġett għal serq bla rażan, hekk li llum fir-raba' ma baqax ħorża waħda; xi kappelli nsterqulhom saħansitra l-qniepen mill-kampnari (tal-Karmnu fil-Fawwara u ta' San Niklaw); ħafna niċeċ tneżżgħu mill-istatwi tagħhom. Ta' min isemmi wkoll is-salib minqux fuq blata kbira, għolja madwar 90ċm, wiesgħa 60ċm u fonda xi metru. Din kienet tqiegħdet b'ordni ta' l-isqof f'ħajt t'għalqa wara d-Djar tal-Providenza biex jibqa' mgħarraf il-post fejn xi 350 sena ilu kienet tinsab il-kappella ta' Santa Marija tal-Knejjes.

Xejn ma niskantaw b'dan meta nqisu li mill-knisja tal-Providenza nsterqu tista' tgħid l-inkwadri u l-*ex voto* kollha. Skond ma jingħad, l-inkwadri l-kbar illum jinsabu *merfugħin (?)* fil-Mużew tal-Katidral, l-Imdina; iżda l-*ex voto* min kien akkużat bis-serqa tagħhom xehed li ħaraqhom. Nista' ngħid li s-Siġġiwin kollha li tkellimt magħhom ħadd minnhom ma emmen li dawn inħarqu: kulħadd hu tal-fehma li jinsabu moħbijin ġo xi villa. B'dana kollu għalina huma kollha xorta waħda "mitlufin", ukoll dawk li jinsabu fil-Mużew tal-Katidral. Jidhirli li nkun qiegħed nesprimi x-xewqa tagħna Siġġiwin kollha meta ntenni li l-inkwadri tal-knisja tal-Providenza – ta' lanqas dawk li nafu bihom – għandhom ikunu rrestawrati mill-eqreb fis possibbli u mogħtijin lura lis-Siġġiwin sabiex jinżammu f'post xieraq fejn inkunu nistgħu ngawduhom ilkoll.

Ma' dawn, ta' min isemmi wkoll is-suġġetta li sa madwar tliet snin ilu kienet tinsab fl-Oratorju. Dan il-wirt storiku tagħna (wirt uniku peress li s-suġġetti llum huma rari ħafna), issa għosfor ukoll. Qatt ma konna nobsru li xi ħadd ser iċaħħadna minnha b'dan il-mod. Jingħad li waqt l-aħħar viżta pastorali, il-Vigarju ordna li din ukoll tittieħed il-Mużew tal-Katidral. Jeħtieġ li l-poplu Siġġiewi kollu jingħaqad, bħal m'għamel fil-każ tas-simenterija, sabiex dak li tteħdilna jerġa' jingħatalna lura.

U ladarba qiegħed insemmi dan l-argument, jidhirli li jkun xieraq nfakkar ukoll fl-inkwadru l-qadim tal-Madonna tar-Rużarju mpitter minn Giò Maria Abela fl-1591. Madwar ħamsin sena ilu, waqt viżta pastorli l-Arċisqof Gonzi ordna li jitneħħa mis-sagristija tal-knisja parrokkjali fejn kien jinżamm biex issa jinsab għall-wiri fil-Mużew tal-Katidral. Kemm ser indumu b'din l-istorja? Jiena inħoss li ftit hemm differenza bejn is-serq ta' l-inkwadri minn tal-Providenza u l-għejbien ta' dawn l-opri mill-knisja jew mill-Oratorju. Inżommu quddiem



*L-inkwadru tal-Madonna tar-Rużarju – Cath. Mus. Mdina*

għajnejna li kienu missirijietna s-Siġġiwin li ħallsu għalihom: ħafna drabi għexu mċaħħdin biex harġu flushom għal dan il-għan. Jekk l-awtoritajiet tal-Kurja jixtiequ li opri bħal dawn ikunu restawrati u miżmuma bl-għożża li tixirqilhom, allura għandhom jagħtuna parir u jgħinuna biex nieħdu ħsiebhom kif suppost. Wasal iż-żmien li l-parroċċa tas-Siġġiewi wkoll ikollha l-mużew tagħha bħal ħafna parroċċi oħra.

L-Oratorju jista' jkun il-post ideali biex jilqa' fih u jinżamm għall-wiri l-wirt storiku u artistiku li ħallewlna ta' qabilna; anzi naħseb jekk wieħed ikun irid jista' fil-parti ta' barra, fejn hemm il-gallarija ta' l-orgni, jwaqqaf ukoll "*day centre*" għall-anzjani. B'hekk tkun instabet ukoll soluzzjoni ta' min ser jieħu ħsieb il-mużew, jekk ħolma bħal din qatt isseħħ! Fil-parti l-għolja tan-navata ċentrali, jekk ikun meħtieġ, jista' jittella' bħal passaġġ magħmul minn *scaffolding* tal-metall biex il-viżitaturi jkunu jistgħu jgawdu aħjar opri bħal dawn mingħajr ma tintmess l-istruttura tal-ġebel ta' l-Oratorju. L-istatwi tal-Madonna tad-Dawl, tar-Rużarju u l-oħrajn jistgħu jitħallew għall-wiri fejn jinsabu iżda jinżammu f'kundizzjoni aktar deċenti.

M'hemmx għalfejn ngħidu, bla flus ma jsir xejn! Imma jiena nemmen li, bit-tħabrik ta' l-Arċipriet tagħna, Dun Richard Borg, aħna s-Siġġiwin kapaċi niġbru l-fondi meħtieġa. B'hekk inkunu nistgħu, sa fl-aħħar, naraw miġmugħ taħt saqaf wieħed u mħares minn kull theddid il-wirt storiku tagħna. B'hekk, forsi, sa fl-aħħar nidraw inħarsu aħjar il-wirt storiku tar-Raħal; ibda mill-kappella ta' Santa Marija ta' Ċwerra u l-mijiet ta' djar qodma. Taqbdek diqa tħares biss lejn il-postijiet bħaċ-ċimiterju ta' San Dawdar (San Teodoru). Għajb għalina nħallu l-patrimonju tagħna jitmermer! Anzi xi drabi nkunu aħna stess li nonqxulu l-faċċata biex mingħalina jidher eqdem! Bħallikieku t-tmermir kien xi preġju!


# Ġita tal-Ħbieb

ma' Dun Nikol Aquilina

**Prague** (Kapitali tar-Repubblika Ċeka)
**Karlovy Vary** u ħafna postijiet ta' xenarju mill-isbaħ,
**Dresden** fil-Ġermanja, eċċ...

**Mit-18 sal-25 ta' Lulju, 2001**

Ċemplu 467814, 0942 5854